TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 516/10

**Duncan Baldacchino u Ramona Bartolo**
**vs**
**Galea Ceramics Co. Ltd.**

Illum 8 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-30 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tliet elef u erba' mitt ewro (€3,400), stante li l-madum ta' l-art li xtraw beda jittebba'.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw madum mingħand id-ditta intimata, u li dan il-madum suppost ma jittebbax, pero' meta twaħħal il-madum kien qisu dejjem maħmuġ.

L-intimat issottometta illi l-madum m'għandu l-ebda difett u li hu ta' kwalita' tajba.

It-Tribunal minħabba l-aspett tekniku, qabbad espert li huwa s-Sur Vincent Ciliberti, fejn fir-rapport tiegħu ikkonkluda illi l-madum supplit, ma ġiex supplit imtebba', imma t-tbajja rriżultaw wara li ġie mqiegħed il-madum, kif ukoll ikkonkluda li mhux f'pożizzjoni li jgħid x'kien il-kaġun għat-tbajja u lanqas hu ta' l-opinjoni li t-tbajja rriżultaw minn xi prodotti li jintużaw biex jinħasel il-madum.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal, wara li ra r-rapport ta' l-espert tekniku, jikkonkludi illi l-madum kif ġie ikkonsenjat ma kellu l-ebda difetti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti, inkluż dawk tar-rapport ta' l-espert tekniku.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888